MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1061/2008

**Intersteel and Fence Limited** (C 22115)
**vs**
**All Sports International Ltd** (C 34643),

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Ottubru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi d-dikjarant huwa direttur tas-socjeta' attrici u jinsab debitament awtorizzat sabiex jahlef din id-dikjarazzjoni guramentata;

Illi fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, fil-perjodu bejn is-17 ta' Jannar 2008 u l-25 ta' Jannar 2008 is-socjeta` attrici ezegwiet xogholijiet f'Hal Luqa konsistenti fi tqeghid ta' '*rigid fencing*';

Illi fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet is-socjeta` konvenuta tinsab debitrici lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' sittax –

il elf mija u hamsa u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€16,165.85) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, hekk kif jidher mir-rikjesta ta’ pagament rispettiva datata 28 ta’ Jannar 2008 u li vera kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala dokument bl-ittra “A”;

Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas ta’ dan il-bilanc, kemm permezz ta’ ittra mibghuta mis-socjeta` attrici datata 27 ta’ Awwissu 2008 (vera kopja hawn annessa u mmarkata bhala dokument bl-ittra “B”) u kif ukoll permezz ta’ zewg ittri interpellatorji datati 19 ta’ Settembru 2008 u 15 ta’ Ottubru 2008 rispettivament (veri kopji hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala dokumenti bl-ittri “C” u “D”), hija baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont dovut huwa dejn cert, likwidu u li ghalaq, u sa fejn jaf id-dikjarant is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba attrici;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi l-fatti hawn dikjarati d-dikjarant jaf bihom kollha personalment;

Talbet lis-socjeta’ konvenuta ghar-ragunijiet hawn qabel premessi tghid ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

(1) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sittax – il elf mija u hamsa u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€16,165.85);

(2) tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji datati 19 ta’ Settembru 2008 u 15 ta’ Ottubru 2008, u bl-imghaxijiet bl-oghla rata permessa mill-ligi mid-data ta’ hrug tar-rikjesta ta’ pagament u cjioe` mit-28 ta’ Jannar 2008 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-

socjeta` konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet ix-xiehda ta’ Spiridione Mercieca in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici fejn ammetta it-talbiet attrici fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni ta’ Spiridione Mercieca ghas-socjeta konvenuta, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sittax-il elf mija u hamsa u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€16,165.85) dovuta kif inghad; bl-imghaxijiet kif dedotti u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------